MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2013

Numru 58/2009

**Il-Pulizija**
(Spettur Josric Mifsud)
**Vs**
**Mario Xuereb ta’ 31 sena bin Manuel u Lela nee’ Micallef, imwieled Rabat, nhar it-18 ta’ Gunju 1982, residenti fil-fond numru Joekate, Triq l-Imgarr, Qala u detentur tal-karta ta’l-identita bin-numru 19882G**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Mario Xuereb li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer nhar is-27 ta’ Ottubru 2008 u f’dawn l-ahhar tlett xhur qabel din id-data, gor-Rabat, kif ukoll gewwa Kercem u partijiet ohra f’dawn il-Gzejjer:

1. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din

ir-raza u l-pjanta cannabis kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur ta'l-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. ukoll kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta cannabis kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur ta'l-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
3. ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, ikkoltiva l-pjanta cannabis u dana bi ksur ta'l-artikolu 8(c) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat l-ordni maghmula mill-Avukat Generali tal-10 ta' Lulju 2009 ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti.

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat qed jiffaccja tlett imputazzjonijiet differenti u cioe' dik tal-pussess semplici tal-pjanta tal-*cannabis* kif ukoll tar-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* u il-pussess aggravat ta'l-istess. Izda l-imputat qed jigi akkuzat ukoll bir-reat tal-kultivazzjoni ta' dina l-pjanta. Illi dwar il-fattispecje ta' dana l-kaz ma hemmx wisq kontestazzjoni. Illi l-imputat gie imwaqqaf mis-surgent 1424 Mario Xiberras flimkien ma' pesuna ohra certu Joseph Debrincat wara li dana is-surgent tal-pulizija dehrlu illi dawn in-nies kienu qed jagixxu b'mod suspettuz. Dana ghalex kif dawn iz-zewg persuni lemhu lis-surgent qed josservhom huma telqu jigru minn fuq il-post. Is-surgent irnexxielu iwaqqafhom u sejjah ghall-assistenza ta' pulizija ohra. Wasslu fuq il-post ftit wara is-Surgent 1346 u l-PC1005 li

ghamlu tfittxija fuq dawn il-persuni izda ma nstab xejn illegali ghajr ghal *flick knife* li nstabet fil-vettura ta’l-imputat u li kellha il-ponta taghha mahruqa.

Meta s-Surgent 1346 kellimhom separatament u talabhom jispjegaw ir-raguni ’l ghala kienu jinstabu fuq il-post huma wegbuh illi kienu qed jifthiemu biex isir xi xoghol ta’ tikhil fil-fond Pantu House, Triq ix-Xuxa, Kercem u kienu ltaqghu fuq il-post biex jaraw dana x-xoghol. Izda ma qablux fil-verzjoni taghhom dwar jekk Debrincat kienx dahal fil-fond u kwindi huma gew arrestati u mehuda l-ghassa tar-Rabat ghal iktar stharrig. Illi minn hawn skattaw zewg investigazzjonijiet, wahda fuq il-persuna tal-imputat u l-ohra kienet tikkoncerna l-persuna ta’ Joseph Debrincat.

Jidher illi aktar tard il-pulizija kienu ghamlu tfittxija fir-residenza Pantu House, Triq ix-Xuxa, Kercem. Prezenti ghal dina it-tfittxija kien hemm is-surgent 698, is-surgent 1424, il-kuntistabbli 883 u il-kuntistabbli 111 flimkien ma’l-imputat. Illi kif l-imputat fetah l-bieb ta’ barra ta’ dana il-post huwa tela’ jigri fl-ewwel sular. Il-pulizija telghu jigru warajh fejn huma ghamlu tfittxija li irrizultat fin-negattiv, izda peress illi l-imputat kien agixxa b’mod suspettuz huwa gie mitlub inehhi hwejjgu u minn gol but tal-qalziet il-pulizija elevat *envelope* kannella li go fih kien hemm bosta bicciet tal-weraq kulur ahdar suspettati weraq tal-*cannabis*. Mistoqsi minn fejn gab dawn il-weraq l-imputat ighid li sabhom gewwa Ghajnsielem fejn kien ipparkja il-crane tax-xoghol.

L-imputat jigi arrestat u interrogat fejn jirrilaxxja zewg stqarrijiet[1] it-tnejn datati 27 ta’ Ottubru 2008 wahda rilaxxjata fin-nofs siegha ta’ fil-ghodu u l-ohra aktar tard wara nofs in-nhar fl-erba u kwart, u dana wara li l-imputat jindika lill-pulizija il-post fejn huwa kien qieghed jikkoltiva ix-xtieli tal-*cannabis*. Fil-fatt fuq indikazzjoni maghmula mill-imputat stess lill-pulizija, instabu zewg xtieli tal-pjanta *cannabis* taht xi sigar tac-citru gewwa gjardina f’fond dizabitat li jinsab gewwa Triq l-Arcipriet Peter Paul Pace,

[1] Dokument JM5 a fol.15 et seq u Dokument JM6 a fol.18 et seq.

il-Victoria. Dana wara illi l-imputat kien ha lill-pulizija f'post iehor fejn stqarr li kien zera xi xitla tal-*cannabis*, izda dina it-tfittxija irrizultat fin-negattiv.

Illi fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza gie nominat l-ispizjar Mario Mifsud li ipprezenta r-rapport tieghu u dana wara li ezamina il-weraq misjuba fil-pussess tal-imputat u iz-zewg xtieli elevati mill-pulizija[2]. Fir-rapport tieghu l-espert jikkonkludi:

"**illi l-weraq li kien hemm fid-dokument 121/10/01 u x-xtieli li kien hemm fid-dokument 121/10/02, f'ammont nett totali ta' 17.40 grammi, instabu li kienu weraq u xtieli tal-pjanta *cannabis*. F'dawn il-weraq u x-xtieli instabet fihom is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* (*THC*), sustanza li tinstab fil-pjanta tal-*cannabis*. Il-purita' medja tal-weraq u x-xtieli ghas-sustanza *Tetrahydrocannabinol* (*THC*) kienet ta' cirka 7.3%.**"

Ikkunsidrat,

Illi l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni jikkonsistu essenzjalment fis-sejbien tal-weraq tal-*cannabis* fil-pussess ta'l-imputat u ix-xtieli indikati mill-imputat stess li fuq ammissjoni tieghu jidher illi gew ikkoltivati minnu. Dana qed jinghad ghaliex fl-istqarrijiet tieghu l-imputat jammetti illi huwa ilu jaghmel uzu mill-haxixa minn mindu kellu tnax-il sena. Jichad madanakollu illi huwa jittraffikka dina id-droga u jammetti li ikkoltiva dina il-pjanta ghall-uzu personali tieghu. Illi mir-rapport tal-espert Mario Mifsud ma hemmx dubbju illi l-weraq u ix-xtieli misjuba fil-pussess ta'l-imputat huma weraq u xtieli tal-pjanta *cannabis* f'ammont totali ta'17.40 grammi u kellhom fihom is-sustanza THC li l-purita medja taghhom kienet ta' cirka 7.3%. L-imputat fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza ma iressaq l-ebda prova ghalkemm inghata iktar minn opportunita wahda minn dina l-Qorti sabiex jaghamel dan.

Illi l-Qorti ghalhekk mal-ewwel tistqarr illi minn dawn il-provi ma hemmx dubbju illi kemm l-ewwel akkuza dwar il-pussess tal-pjanta *cannabis*, kif ukoll il-koltivazzjoni ta'l-

[2] Ara rapport Dokument MM1 esebiet a fol.40 et. seq tal-process

istess jirrizultaw ampjament ippruvati. Dana ghaliex il-pulizija involuti f'dina l-investigazzjoni jikkonfermaw illi l-weraq u il-pjanti li instabu u li gew elevati minnhom u esebieti in atti kollha instabu fil-pussess ta'l-imputat. L-imputat fl-istqarrijiet tieghu jammetti illi huwa ipejjep il-haxixa u ilu jaghmel dan ghal numru konsiderevoli ta' zmien u li kien ghalhekk illi ikkoltiva il-pjanta tal-*cannabis*.

Illi l-imputat izda jinsab ukoll akkuzat bir-reat tal-pussess aggravat ta' dina l-pjanta u cioe' illi huwa kien jikkoltiva dina il-pjanta mhux biss ghall-uzu personali tieghu, izda biex ibieghha lil terzi. L-imputat dana jichdu. Illi l-unika prova li hemm fl-atti hija ghalhekk l-piz u l-ammont misjub. Dina l-prova wahedha hija sufficjenti, sal-grad rikjest fil-kamp penali, sabiex tindika illi l-imputat kien qed jikkoltiva dina l-pjanta sabiex jittraffikkaha?

"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia, cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. ... Meta l-ammont tad-droga ikun piuttost sostanzjali, din tista' wahedha tkun bizzejjed biex tista' tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati.[3]"

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi ma hemm l-ebda cirkostanza fl-atti li tista' remotament tindika illi l-imputat kien qieghed ibiegh il-pjanta tal-cannabis jew xi bicciet minnha. Il-piz, ghalkemm mhux wiehed minimu ma huwiex sufficjenti fil-fehma tal-Qorti biex ifisser lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-imputat ma kienx intenzjonat jaghmel uzu minn dina l-haxixa wahdu. Minn dak li ighid l-imputat fl-istqarrija tieghu, jidher illi huwa ilu jaghmel uzu mill-haxixa minn mindu kellu tnax-il sena u kwindi huwa possibbli u

[3] Il-Pulizija vs Marius Magri App. Krim. 12/05/2005

probabbli illi huwa kien jara kif jaghmel sabiex jizgura illi ikollu l-haxixa f'idejh sabiex ikun jista' jikkunsmaha. Prova ohra fl-atti li tindika xort'ohra ma hemmx u kwindi l-imputat ser jigi illiberat mit-tieni akkuza.

Illi sfortunatament il-legislatur ma jaghmel l-ebda distinzjoni meta jitkellem dwar il-koltivazzjoni jekk dina issirx ghall-uzu personali tal-akkuzat o meno. Il-ligi timponi piena wahda u cioe' piena ta' habs tassattiv. Il-Qorti ghalhekk trid necassarjament tapplika dik il-piena, izda fic-cirkostanzi ta' dana il-kaz billi l-Qorti jidhrilha li ghandha issir distinzjoni bejn il-koltivazzjoni ghall-uzu personali jew xorta ohra, ghalhekk ser tghaddi biex tapplika l-minimu tal-piena prevista.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 8(c)(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tal-kumplament u tikkundannah ghal piena ta' sitt xhur prigunerija u multa ta' €500.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------